MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-23 ta' Lulju, 2010

Numru. 783/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josric Mifsud)**

**-vs-**

**JOHN VELLA**

**Seduta ta' llum…………………2010.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **JOHN VELLA** bin Carmel u Margaret nee' Azzopardi, imwieled nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar 1968 u residenti gewwa Chateau Perillos, 106, Triq Santa

Duminka, Rabat, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 3468 (G), gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fil-jiem immedjatament qabel is-sittax (16) ta' Settembru 2006 minghajr il-hsieb li jisraq jew jaghmel hsara kontra l-Ligi izda biss biex jezercita dritt li jippretendi li ghandu, fixkel lil konjugi Carmelo u Antoinette Vella fil-proprjeta' taghhom, konsistenti f'basement u appartament formanti parti minn korp bini li jgib l-isem "Il-Gardjola" fi Triq San Pawl, Munxar, Ghawdex, u dan billi bena hajt divizorju fuq l-art li hija proprjeta' ta' l-istess konjugi Vella u dan bi ksur tal-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija, minbarra l-piena applikabbli, tapplika wkoll Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghal perjodu ta' zmien li l-istess Qorti jidhrilha li hu xieraq.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti kollha esebiti.

Semghet lill-partijiet jitrattaw il-kawza fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) t'April, 2010.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni, fosthom lil konjugi kwerelanti **Carmel Vella u Antoinette Vella** jixhdu fis-seduta ta nhar il-25 ta' Jannar 2007. Dawn spjegaw kif darba minnhom fix-xahar ta' Gunju 2006 huma kienu marru Ghawdex flimkien ma' wliedhom Karl u Anthony Vella. Qal li meta marru fil-flat taghhom il-Munxar u dahlu gol-appartament sabu dlam cappa u meta marru fuq il-parti ta' wara raw li kien inbena hajt gholi hafna li nehhielhom id-dawl kollu li kienu jgawdu gol-appartament.

Huma hargu fil-gallarija u ndunaw li l-imputat kien tella' l-hajt divizorju tieghu kif ukoll appoggja maghhom fil-genb billi gholla l-hajt divizorju ta' bejnu w bejnhom kif muri fir-ritratti esebiti minnhom u mmarkati bhala Dok X u Y. Huma kkonforemaw li l-imputat dahal xi erba' pulzieri fuq il-hajt taghhom. Wara li raw hekk Carmel Vella mar ghand il-pulizija jaghmel rapport relattiv.

Illi nhar is-6 ta' Dicembru 2006 xehdu **Karl Vella u Anthony Vella** u qalu li kienu marru mal-genituri taghhom nhar it-23 ta' Gunju 2006 il-Munxar. Ikkonfermaw li meta dahlu fil-flat raw dlam cappa u missierhom irrabja hafna, tant li qabad tavlun u poggih mal-art u fuq il-hadid tal-gallerija u imbotta il-hajt ta' facata 'il wara tal-flat u waqqa' l-hajt li kien bena l-imputat. Qalu li qabel ma waqqa' l-hajt missierhom kien tela' fuq il-bejt biex jara jekk kienx hemm nies fil-gardina tal-imputat fejn kien hemm il-hajt, u meta ra li ma kien hemm hadd qabad u mbotta l-hajt. Ikkonfermaw li l-hajt li waqqa' missierhom ma kienx taghhom

Semghet ix-xhieda moghtija mill-imputat **JOHN VELLA** nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Settembru, 2009 fejn qal li fis-sittax (16) ta' Settembru 2006 kienu qed jaghmlu xi xoghol fi proprjeta' li ghandhom fil-Munxar, fejn kienu qed jghollu hajt divizorju biex ikollhom izjed privatezza fil-*pool area* tal-propretarja tieghu. Spjega li Carmelo Vella kien xtara l-flat tieghu ghall-prezz ta' tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000), u meta xtrah kien jaf li wara kien *building area*.

Meta gie mistoqsi fuq xiex bnew, wiegeb li l-hajt kien mibni fi proprjeta' taghhom, u zied li lilu hadd qatt ma qallu biex ma jghollix il-hajt. Ikkonferma li Carmelo Vella kien waqqa' l-hajt x'hin huma ma kinux hemm u minhabba f'hekk ghamillu hafna hsara.

Spjega li in segwitu huwa kien applika mal MEPA sabiex jerga' jibni dan il-hajt li kien wiehed antik, u Carmelo Vella ghamel objection u l-kaz tieghu quddiem il-MEPA kien qed ikun differit kull darba. Qal ukoll li meta Carmelo Vella waqqaghlu l-bricks, waqqaghalu wkoll il-hnejja tal-*main door*.

L-imputat kompla jghid li ghall-ewwel kien hemm hajt divizorju bejn iz-zewg proprjetajiet, li ma kienx *back to back*. Qal li fil-fatt fejn ghandu l-proprjeta' Carmelo Vella hemm bitha u konsegwentement hemm l-arja ta' fuqha. Wara l-bitha ta' Carmelo Vella hemm il-hajt divizorju ta' bejniethom u hu kien qed jibni fuq dan il-hajt divizorju, fuq

in-naha tal-proprjeta' tieghu. Sostna li dan bilfors kellu jaghmlu biex ikun jista' jibni xi *bedrooms*, ghaliex il-hajt in kwistjoni, li bena, kien il-hajt tal-*bedrooms*.

Informa lill-Qorti li l-kawzi civili li kien hemm bejniethom, kienu gew decizi, u fil-fatt dawn kienu kkonfermaw li hu kien qed jibni in konformita' mal-permessi li kellu.

Huwa qal li ghalkemm dam xahar biex bena l-hajt, Carmelo Vella qatt ma kien avvicinah biex jurih li ma kienx kuntent bih. Zied inoltre li l-hajt mhux qieghed fuq il-proprjeta' ta' Carmelo Vella biss, izda qieghed fuq tliet (3) proprjetajiet ohra, u hadd mis-sidien l-ohra ma lmenta.

L-akkuzat qal li sar jaf li Carmelo Vella kien qed iwaqqaghlu l-hajt minghand gar iehor, u ghalkemm imbaghad kien qallu biex jieqaf dan xorta kompla jitfa' l-gebel. Anzi sostna li Carmelo Vella beda jwaddbilhom il-gebel, li ma kienx gebel minn tal-hajt, izda Vella kien hadu mieghu apposta biex iwaddabulhom. Cahad li huwa tefa' xi gebel lejn Vella. Spjega li l-hajt li hemm fuq il-proprjeta' tieghu ghall-ewwel jibda dobblu peress li fuq in-naha l-ohra kien hemm il-hajt divizorju li kien diga' mibni, pero' meta baqghu telghin b'iktar sulari, il-hajt spicca singlu.

In kontro-ezami l-akkuzat cahad li qala' xi gallarija ta' Carmelo Vella, anzi nsista li dik qatt ma kienet imwahhla. Ikkonferma li l-gallarija li tidher fir-ritratti SNT5 u 6, qatt ma kienet imwahhla, u fil-fatt jidher li ma taqbilx mal-hajt. Ikkonferma li effettivament hu bena wara li kienu nbnew l-appartamenti ta' Carmelo Vella. Kompla li l-gallariji ta' Carmelo Vella mhumiex skond il-permess, u dan ghaliex ma kienx hemm iz-zewg piedi u nofs (2 ½') rikjesti fuq kull genb tal-gallarija, izda kienet gallarija shiha. Ghalhekk meta hu gie biex jigni l-hajt, dan ma setax ikompli dritt, kellu bilfors johrog erba' pulzieri u nors (4 ½') 'il barra. Dwar dan qal li beda proceduri civili ta' spoll, li wkoll gew decizi.

Ikkunsidrat :

Illi fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Jannar, 2007, gie nominat il-Perit Valerio Schembri sabiex jaccedi fil-fond mertu tal-kawza u jinforma il-Qorti jekk il-hajt mibni ricentement u ndikat fid-Dokument Y fl-atti, giex kostruwit fuq proprjeta’ tal-kwerelanti jew fuq proprjeta ta’ l-istess imputat.

Illi l-istess Perit Tekniku ipprezenta u halef ir-rapport tieghu, li l-Qorti mmarkat bhala Dokument VJ, fis-seduta tat-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Gunju 2007.

Fil-konkluzjonijiet tieghu, il-Perit Valerio Schembri jghid is-segwenti:-

*“Mill-fatti kollha li gew a konjizzjoni ta’ l-esponent, u mill-konstatazzjonijiet li saru fuq il-post, jidher illi:*

*Il-hajt li dwaru sar l-ilment mertu tal-kawza huwa mibni fuq il-qoxra tad-disa’ (9) pulzieri li tinsab fuq is-sit proprjeta’ ta’, jew amministrat mill-imputat John Vella, u dan fir-rigward tal-hajt ta’ wara. Fir-rigward tal-parti tal-hajt ta’ mal-genb, jirrizulta li dan huwa mibni nofs fuq il-proprjeta’ tal-kwerelanti u nofs fuq il-passagg ta’ access li jaghti ghas-sit proprjeta’ ta’, jew amministra mill-imputat.*

*Wiehed mill-pilastri li qed jissostjenu l-hajt ta’ wara, jinsab mibni fuq il-hajt divizorju bejn il-proprjeta’ tal-kwerelanti u dik ta’ terzi.”*

Rat li fil-hmistax (15) ta’ Jannar, 2010 id-difiza esebiet zewg sentenzi mgohtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Novembru 2007, wahda fl-ismijiet “**John Vella et –vs- Carmel Vella et**” (Citazz. numru 90/06AE) li giet immarkata Dok. X, u l-ohra fl-ismijiet “**Carmelo Vella et –vs- John Vella et”** (Citazz. Numru 111/06AE) immarkata bhala Dok. Y.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Illi m’hemmx dubbju ghalhekk li l-hajt li bena l-imputat bnieh parti fuq proprjeta’ tieghu u dan qed jinghad ghal dik

il-parti li hemm proprju faccata il-gallerija tal-kwerelanti Carmelo Vella, waqt li fil-gnub il-hajt inbena, skond il-perit nominat mill-Qorti, parti fuq proprjeta' tieghu u parti fuq proprjeta' tal-kwerelanti. Dan il-fatt huwa konfermat b'mod tekniku u ghalhekk il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita dan il-fatt. Illi pero' r-reat ta' *raggion fattasi,* bhal kull reat iehor, ghandu kemm l-element materjali kif ukoll dak formali, u hu appuntu dawn l-elementi li din il-Qorti trid tixtarr.

Skond sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs John Dimech** deciza nhar l-24 ta' Gunju 1961 "*id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat, jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le l-pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu*".

L-erba' elementi kostituttivi tar-*raggion fattasi* skond is-sentenza moghtija nhar it-30 ta' Settembru 1996 mill-Qorti ta' l-appelli kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Emmauel Muscat et** huma erbgha u cioe:

1."*l-att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizjoni esperssa jew prezunta tad an il-haddiehor.*
*2. Il-kredenza li l-att qieghed isisr b'ezercizzju ta' dritt.*
*3. Il-koxjenza tal-agent li hu jkun qieghed jghamel de private braccio dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita pubbliku; u*
*4. Nuqqas ta titolu li jrendi il-fatt aktar gravi*."

Effettivament jidher car bl-artikolu msemmi li l-ligi trid tipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu l-ligi b'idejh, indipendentement minn jekk l-aggressur jew il-vitma jkollux dritt jew le.

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fl-ismijiet **il-Pulizija vs Eieleen Said** deciza nhar id-19 ta' Gunju 2003 fejn gie enfasizzat li "*element kostituttiv ta' dan ir-reat hu dak*

*intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontari fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju. Ghalhekk hemm bzonn li ssir indagini fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li kkommettiet dan ir-reat biex taghmel dak li ghamlet. L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu it-tgawdija taghha."*

Issa mill-provi prodotti minn imkien ma jirrizulta li l-imputat kien jaf li l-parti tal-hajt tal-genb ma kienx proprjeta' tieghu u li effettivament bena l-hajt bl-intenzjoni li jippriva l-parte civile Carmelo Vella mit-tgawdija tal-hajt.

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat ried jgholli il-hajt li kellu fuq il-proprjeta tieghu sabiex ikollu aktar *privacy*. Sfortunatament meta ghamel hekk tnaqqas id-dhul tad-dawl fl-appartament ta' Carmelo Vella. Illi m'hemmx dubbju li dan ikkrejalu pregudizju, pero' minn imkien ma jirrizulta li ma kellux dritt li jaghmel hekk.

Il-parte civile l-iktar li garret kien fuq il-hajt li nbena fuq il-parti ta' wara tal-flat tieghu ghalkemm hemm parti zghira fil-gnub li inbena fuq il-hajt divizorju ta' bejn l-imputat u dik ta' Carmelo Vella. Jirrizulta bla ombra ta' dubbju li din hija kwistjoni li ghandha tigi rizolta civilment, zgur li ma kinitx l-intenzjoni tal-imputat li jiehu l-ligi b'idejh, u dan qed jinghad ghaliex mill-provi prodotti jirizulta li l-intenzjoni li kellu l-imputat kienet li hu kien qed jagixxi skond il-ligi. B'dan pero' li l-Qorti mhix qed teskludi li l-imputat seta' kkommetta reat iehor li ma giex akkuzat bih jew li ma setax jigi rinfaccjat b'xi proceduri civili.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li mhux qed issib lill-imputat hati ta' din l-akkuza kif kontemplata fl-artikolku 85 tal-Ligijiet ta' Malta u tilliberah minnha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------